MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Numru. 741/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Brian Portelli ta' 27 sena, bin Anthony u Monica nee` Cassar, imwieled Pieta` fis-16 ta' Dicembru, 1981, u li joqghod f'Numru 77, Flat 1, Triq M.A. Vassallo, Qormi. Detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 97982M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Brian Portelli u cioe` talli f'Gunju 2009, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1. appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra,, is-somma ta' iktar minn mitejn u tnejn u

tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Dragunara Casino, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus mill-istess Dragunara Casino, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-hin.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Semghet l-ammisjoni tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qortu tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, il-fedina penali kwazi nadifa ta' l-imputat izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat iddispjacih ghal dak li ghamel, ikkopera mal-pulizija u irritorna l-flus mehuda fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u tmenin euro (€318) lill-parte leza

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 310 u 263 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------